IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.3.2013
C(2013) 1570 final

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**ta' 13.3.2013**

**li tapprova, għal Malta, ir-reviżjoni tal-programm annwali tal-2011 għall-Fond Ewropew għar-Ritorn u l-kofinanzjament għall-2011 minn dak il-Fond**

it-test bil-Malti biss huwa awtentiku

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

**ta' 13.3.2013**

**li tapprova, għal Malta, ir-reviżjoni tal-programm annwali tal-2011 għall-Fond Ewropew għar-Ritorn u l-kofinanzjament għall-2011 minn dak il-Fond**

it-test bil-Malti biss huwa awtentiku

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Ritorn għall-perjodu mill-2008 sa l-2013 bħala parti mill-programm ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni"[1], u partikolarment l-Artikolu 21 tagħha,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni approvat, għal Malta, il-programm multiannwali għall-perjodu 2008-2013, flimkien mal-programm annwali għall-2008[2];

(2) Fit-8 ta' April 2011, il-Kummissjoni approvat il-programm annwali għal Malta għall-2011[3];

(3) Malta issottomettiet lill-Kummissjoni fis-26 ta' Novembru 2012 reviżjoni tal-programm annwali tal-2011 minħabba l-inklużjoni ta' azzjoni ġdida dwar operazzjonijiet ta' ritorn sfurzat. Sussegwentement, l-abbozz tal-programm annwali ġie rivedut u l-verżjoni finali waslet fit-22 ta' Jannar.

(4) Il-programm annwali rivedut jinkludi l-elementi meħtieġa kif stabbilit fl-Artikolu 21(3) tad-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE u huwa mfassal skont il-programm multiannwali;

---

1 ĠU L 144, 6.6.2007, p. 45.
2 Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008)6961
3 Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2011)2434

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2011)2434 huwa ssostitwit bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Malta

Magħmul fi Brussell, 13.3.2013

*Għall-Kummissjoni*
*Cecilia Malmström*
*Membru tal-Kummissjoni*

**VERA KOPJA TA'L-ORIĠINAL**
**Għas-Segretarju Ġenerali**

**Jordi AYET PUIGARNAU**
**Direttur tar-Reġistru**

**ANNESS**

Il-programm annwali tal-2011 għal Malta rivedut